MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Appell Civili Numru. 15/2009/1

**Joseph Camilleri**

**v.**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan huwa appell ad istanza tal-attur Joseph Camilleri minn sentenza moghtija fl-10 ta' Ottubru 2011 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha li permezz taghha dik il-Qorti fl-ewwel lok laqghet l-eccezzjonijiet sollevati mill-intimat

Avukat Generali u konsegwentement fit-tieni lok cahdet it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu.

**Ir-rikors promotorju ta' Joseph Camilleri**

**2.** Bir-rikors tieghu tal-25 ta' Marzu 2003 Joseph Camilleri talab lill-ewwel Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li fil-konfront tieghu u tal-awtur tieghu kien hemm ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem peress li ma kienx hemm decizjoni finali fi zmien ragjonevoli u konsegwentement tillikwida d-danni sofferti mill-istess rikorrenti u tikkundanna lill-intimat Avukat Generali ghall-hlas tal-istess danni u dan ghar-ragunijiet premessi ghat-talbiet tieghu.

**3.** Ir-ragunijiet premessi in sostenn tat-talbiet tieghu huma s-segwenti:

"Li huwa werriet uniku ta' Bartolomeo sive Bertu Camilleri li miet fit-30 ta' Ottubru 2003.

"Illi bic-citazzjoni numru 1175/1994 fl-ismijiet Tereza Schembri et vs Bartolomeo Camilleri deciza finalment fit-30 ta' Novembru 2007 l-esponenti li kien assuma l-atti flok Bartolomeo sive Bertu Camilleri kellu sentenza wara hmistax-il sena deciza finalment mill-Qorti tal-Appell.

"Illi din il-kawza kienet tirrigwarda proprjeta' li ghalih kienet essenzjali u necessarja ghaliex kien effettivament qieghed juzaha bhala parti mill-abitazzjoni tieghu.

"Illi minhabba dan l-istat ta' incertezza u minhabba li kien ghaddej iz-zmien, huwa kellu jidhol fi spejjez sahansitra ta' kuntratt biex xtara bicca art b'ghaxart elef lira halli jipprova jilhaq transazzjoni mal-atturi. Huwa rega' ghamel kuntratt iehor biex seta' jixtri s-sehem ta' Margerita sive Rita Mifsud, Marianna sive Mary Vella, Anglu u Joseph Vella.

"Illi t-terminu ta' hmistax-il sena ghal din il-kawza kien f'kull proporzjon ezageratament twil u dannuz fil-konfront kemm ta' Bartolomeo Camilleri li lahaq miet fil-mori tal-

gudizzju, filwaqt illi l-istess Joseph Camilleri minhabba c-cirkostanzi li ssemmew sab ruhu f'diffikultajiet ikkawzati minn dan iddewmien.

“Illi ghal dan id-dewmien bl-ebda mod ma kkontribwixxa Joseph Camilleri jew Bartolomeo Camilleri ghaliex huma da parti taghhom kienu qeghdin jistennew ‘at the receiving end’ fil-proceduri kollha.

“Illi stante l-ewwel sentenza, meta ghamlu l-appell kienu qeghdin jezercitaw id-dritt taghhom li jaghmlu l-istess appell, u dan ukoll ma giex appuntat u deciz hlief wara erba' snin u aktar.

“Illi bil-kriterji kollha decizi mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, tali zmien huwa eccessivament twil.

“Illi bizzejjed jekk wiehed jaghmel referenza ghall-kawza quddiem il-Qorti Ewropea Debono vs Malta deciza finalment fil-5 ta' Mejju 2006, fejn anke' t-terminu kien iqsar hafna minn dak illi jipprevali f'dan il-kaz, u dan b'xi disa' snin inqas.”

**Ir-risposta tal-Avukat Generali**

**4.** Illi fir-risposta tieghu tas-16 ta' April 2012 l-Avukat Generali irribatta dettaljatament il-pretensjonijiet tar-rikorrent appellant u ghar-ragunijiet moghtija fir-risposta tieghu sostna li ma kien hemm ebda ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u li jekk ghall-grazzja tal-argument jinstab li sehh tali ksur, il-Qorti ma hix marbuta li tillikwida danni skont ma qed jintalab izda tista' tirritjeni sufficjenti jekk jidhrilha li c-cirkostanzi hekk jirrikjedu, illi taghti biss rimedju ta' natura deklaratorja.

**Is-sentenza appellata.**

**5.** Wara li rriproduciet ir-rikors promotorju tal-gudizzju u r-risposta tal-Avukat Generali l-ewwel Qorti ghaddiet sabiex taghmel dawn il-kunsiderazzjonijiet:
**“**Hawnhekk si tratta ta' lanjanza li qed issir mir-rikorrenti fis-sens li l-proceduri fil-kawza civili fl-ismijiet “Tereza

Schembri et vs Bartolomeo Camilleri" hadu zmien twil biex jigu decizi. F'din l-imsemmija kawza r-rikorrenti kien assuma l-atti minnflok zijuh cioe' l-konvenut Bertu Camilleri, li miet fil-mori ta' dik il-kawza. Dik l-imsemmija kawza giet presentata f'Settembru 1994 u giet deciza b'mod finali fl-2007 u cioe' tlettax il-sena wara. Il-Qorti ta' Prim'Istanza kienet tat is-sentenza taghha fit-2003 pero' r-rikorrenti odjern (intimat fl-imsemmija proceduri) kien appella mis-sentenza. Stranament ir-rikorrenti jghid li minhabba t-tul ta' zmien li kienet qed tiehu l-kawza biex tigi deciza u minhabba l-istat ta' incertezza konsegwenti, huwa kellu jakkwista xi proprjeta' u xi ishma fil-proprjeta' mertu tal-imsemmija kawza u konsegwentement dahal fi spejjez u dan sabiex, fi kliem ir-rikorrenti stess "jipprova jittransigi l-kawza." Fl-opinjoni ta' din il-Qorti la darba dawn l-ispejjez saru biex ir-rikorrenti jittanta li ssir transazzjoni dawn l-istess spejjez saru volontarjament mir-rikorrenti u hadd u xejn ma sforza lir-rikorrenti biex jidhol ghalihom. Ma jirrizultax li kien id-dewmien tal-kawza li gieghel lir-rikorrenti jakkwista l-proprjeta' jew l-ishma ohra fl-istess proprjeta'. Ghal dawn ir-ragunijiet hu stramb li r-rikorrenti qed iqies bhala danni spejjez li ghamel hu volontarjament u li bihom huwa akkwista proprjeta' u drittijiet ohra. In effett il-proprjeta' u l-ishma li kkwista baqghu proprjeta' tieghu.

"Ir-rikorrenti jikkonsidra li l-kawza in kwestjoni hadet tul ta' zmien esagerat biex tigi deciza u dan il-fatt kien dannuz ghalih kif ukoll ghall-awtur tieghu. In effett f'dawn il-proceduri r-rikorrenti talab li jigu likwidati d-danni li hu sofra minhabba l-allegat dewmien u talab li l-intimat jigi kkundannat ihallsu d-danni hekk likwidati. Ir- rikorrenti qed jitlob danni li gew kkawzati peress li huwa stess ghamel tentattivi biex jiftiehem mal-atturi fil-kawza gia' citata. Il-premessi li fuqhom huma bbazati dawn il-proceduri huma effettivament insostenibbli. L-ispejjez li jidhol ghalihom parti f'kawza sabiex possibilment tigi transatta l-kawza huma spejjez li saru mill-istess parti spontaneament u hadd ma infurzah jaghmel dawk l-ispejjez. Lanqas ma jirrizulta sufficjentement li hu kien imgieghel jaghmel l-istess spejjez minhabba l-andament tal-imsemmija kawza

in kwestjoni. Li hu zgur huwa li dawn l-ispejjes ma huma responsabilita' ta hadd hlief tal-istess rikorrenti.

"Inoltre din il-Qorti thoss li mhux il-kompitu ta' din il-Qorti li tillikwida danni u tordna l-hlas tal-istess danni kif likwidati. Li ghandha taghmel din il-Qorti hu li tivverifika jekk gewx jew jekk ser jigu b'xi mod lesi d-drittijiet fundamentali ta' cittadin u jekk iva taghti l-ordnijiet u direttivi kollha necessarji biex tara li jigu salvagwardati l-istess drittijiet fil-konfront tal-istess cittadin. F'kaz li l-Qorti ssib li hemm lezjoni l-istess Qorti tista taghti kumpens pekunjarju pero' biss sabiex tigi b'xi mod kumpensata l-lezjoni tad-dritt fondamentali in kwestjoni. Dan zgur li ma jfissirx li l-funzjoni ta' din il-Qorti hi li tillikwida d-danni u tordna li l-istess danni jithallsu lil minn ghamel il-kawza.
"Minn esami akkurat tal-process relattiv ghall-kawza in kwestjoni jidher li, kif gie ukoll konfermat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, r-rikorrenti u l-awtur tieghu hadu l-ligi b'idejhom u kkommettew att spoljattiv fil-konfront tal-atturi f'dawk il-proceduri. Ghalhekk jidher li kien dan l-abbuz da parti tar-rikorrenti odjern li kien l-origini tal kwestjonijiet li taw lok ghal proceduri in kwestjoni. Jidher li r-rikorrenti u l-imsemmi awtur tieghu kienu bnew illegittimament u irregolarment "garage" fejn kien hemm passagg, liema passagg kien soggett ghal diversi servitujiet favur terzi u inoltre ssostitwew kanali tal-ilma, li kien hemm fl-istess passagg, b'pajpijiet.

"Hu ormai ben assodat, kemm fil-gurisprudenza tal-Qrati nostrani kif ukoll f'dik tal Qorti Europea, li biex jigi accertat jekk it-tul ta' zmien li hadu l-proceduri kienx ragjonevoli jew le ghall-finijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni ghandhom jigu esaminati c-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz b'mod partikolari l-komplessita' tal-kaz li kien qed jigi deciz, kif gab ruhu r-rikorrenti fil-kors tal-proceduri li huwa qed jilmenta minnhom, kif imxew il-Qrati fil-kors tal-istess process u x'kellu x'jitlef ir-rikorrenti bhala konsegwenza tal-istess proceduri, oltre, ovvjament, kemm effettivament dam biex jigi deciz b'mod finali l-kaz. (Vide Frydlender v. France GC no. 30979/96, § 43, ECHR 2000-VII). Ghalhekk f'kawza bhal din m'ghandux biss semplicement jigi konsidrat it-tull effettiv kemm damet il-

kawza biex tigi deciza. Ghandhom ukoll jittiehdu in konsiderazzjoni fattuiri ohra.

“In vista ta dak li ntqal fil-paragrafu ta’ qabel dan ghandu jinghad li fil-kawza in esami, kif effettivament gia gie rilevat, kien l-agir irregolari u abusiv tar-rikorrenti u tal-awtur tieghu li pprecitaw il-proceduri in kwestjoni. Ir-rikorrenti agixxa b’dan il-mod meta jidher li kien jaf li li huwa kien ser jagixxi a skapitu tad-drittijiet ta’ ohrajn u dan kif stqarr l-istess rikorrenti meta kien qed jixhed quddiem din il-Qorti. Inoltre ma jistax jinghad li l-proceduri in kwestjoni ma kienux komplicati. Ghall-kuntrarju jidher li l-kawza ma kienitx semplici, kif qed jissottometti r-rikorrenti. In partikolari kellu jigi nominat perit tekniku biex jghin lill-Qorti biex tasal ghall-konkluzjonijiet taghha stante li kellhom jigu stabbiliti sa fejn kienu jaslu l-varji drittijiet tal-partijiet kollha fil-kawza fil-proprjeta’ in kwestjoni.

“Jidher ukolll li r-rikorrenti u l-awtur tieghu, fil-kors tal-proceduri in kwestjoni, ma kienux tant herqana biex jassiguraw li l-proceduri ma jittawlux aktar minn dak li kien lecitu. Fil-kors tal-proceduri in kwestjoni r-rikorrenti kien appella mis-sentenza tal-Ewwel Qorti. Ovvjament ir-rikorrenti ghandu kull dritt li jappella pero’ huwa kellu ukoll l-obbligu, peress li kien jaf li meta bena l-garage in kwestjoni kien qed jivvjola d-drittijiet ta’ terzi, li jahseb iktar minn darba jekk kellux jappella jew le. Ma jirrizultax li l-awtoritajiet koncernati li kienu involuti fil-kaz b’xi mod ikkontribwew ghad-dewmien in kwestjoni. L-interess tar-rikorrenti kien li finalment huwa jibqa joqod fil-proprjeta in kwestjoni u kien ghalhekk li huwa ried jittransigi l-kawza u ghamel l-ispejjez li ghamel. L-affidavit tar-rikorrenti li gie presentat f’dawn il-proceduri fil-maggior parti tal-kontenut tieghu hu rrilevanti. Jidher li l-uniku interess li kellu r-rikorrenti fil-proceduri in kwestjoni kien li jibqa jabita fil-binja fejn kien joqod zijuh u kwindi ghalhekk l-interess tar-rikorrenti biex jittransigi l-istess kawza.

“Ghar-rigward tal-imsemmi affidavit tar-rkorrenti hu irrilevanti l-fatt li, kif jghid l-istess rikorrenti, l-garage seta kien parti essenzjali mill-binja fejn kien joqghod l-awtur tar-rikorrenti u sussegwentement ir-rikorrenti stess. Ir-

rikorrenti jghid li minhabba kif kienet miexja l-kawza kellu jara kif ser jaghmel sabiex ikun jista jkompli jabita fejn kien qed joqod, cioe' fil-proprjeta' in kwestjoni fil-proceduri meritu ta' din il-kawza. Huwa jghid li t-tul taz-zmien kemm damet il-kawza kellu effett kbir, u ghalhekk kellu jsib soluzzjoni malajr. Ir-rikorrenti pero' hawn ma specifikax x'kienu dawn l-effetti u inotre huwa kellu jsib soluzzjoni ghall-azzjonijiet irregolari li kienu ghamel hu stess u l-awtur tieghu.

“Ir-rikorrenti stqarr ukoll li huwa kien konvenut u ghalhekk l-andament tal-kawza ma kienx f'idejh izda f'idejn l-atturi. Ir-rikorrenti hawnhekk hu zbaljat stante li hu kien parti fil-kawza (attur jew le) u ghalhekk kellu a disposizzjoni tieghu mezzi li ttih il-ligi biex ihaffef il-proceduri, liema mezzi jidhru li ma gewx uzati. Inoltre hu ukoll irrilevanti li issa l-passagg hu usa minn dak li kien hemm. Ir-rikorrenti ma ghamel ebda prova li kellu jidhol ghall-ispejjez li ndika fl-affidavit tieghu minhabba d-dewmien tal-kawza. Inoltre kif stqarr l-istess rikorrenti huwa kien jaf li l-garage in kwestjoni nbena fuq art li fuqha terzi kellhom xi drittijiet u huwa nehha kanali tal-gebel tal-ilma li kien hemm fl-istess art u minnflok dwn il-kanali huwa ghamel xi pajpijiet.

“Barra minn hekk ghandu jigi kkonsidrat li hawnhekk si tratta ta' proceduri civili, li generalment jiehdu aktar zmien biex jigu decizi minn kawzi ta' natura ohra bhal ma huma kawzi kriminali. Inoltre kif gie diversi drabi ritenut iddewmien f'kazi civili huwa anqas gravi mid-dewmien f'kawzi ta' natura ohra.

“In vista ta' dak kollu li gie premess it-talbiet kollha tar-rikorrenti jimmeritaw li jigu respinti, filwaqt li l-eccezzjonijiet tal-intimat ghandhom jigu akkolti.”

**6.** L-ewwel Qorti mbaghad iddisponiet mill-kawza kif fuq inghad[1].

[1] Ara sezzjoni markata 1 u intestata “Preliminari” f'din is-sentenza.

**L-appell tar-rikorrent Joseph Camilleri**

**7.** Ir-rikorrent Joseph Camilleri hassu aggravat bis-sentenza surriferita tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tal-10 ta' Ottubru 2011 u interpona dan l-appell minnha permezz ta' rikors tal-24 ta' Ottubru 2011 li bih talab li tigi revokata *in toto* s-sentenza appellata u li minflok jintlaqghu t-talbiet tieghu bl-ispejjez kontra l-konvenut appellat.

**8.** L-aggravju jew ahjar aggravji dedotti mill-appellant fir-rikors tal-appell tieghu huma espressi b'mod pjuttost lakoniku u ghal kollox telegrafiku tant li kultant, bhat-tielet aggravju, bilkemm jifthemu, u kultant, bhar-raba' aggravju, jidhru li qed jghidu l-kuntrarju ta' dak li jrid jghid l-appellant.

**9.** Din il-Qorti, izda, jidhrilha li tista' tirrikapitula l-aggravji tal-appellant kif gej:

1. hu zbaljat li l-lezjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq giet bazata mill-ewwel Qorti fuq jekk tintrebahx il-kawza jew le;

2. ma kienux jezistu ragunijiet sufficjenti sabiex jiggustifikaw id-dewmien li kien hemm fil-proceduri civili;

3. ma hux legittimu li d-dewmien fil-proceduri jigi addossat lilu ghaliex huwa deherlu li kellu jappella mis-sentenza tal-prim' istanza fil-proceduri civili u ghaliex ipprova jittransigi l-kawza;

4. l-ewwel Qorti zbaljat meta assolviet lill-qrati civili mid-dewmien ghar-raguni li l-proceduri civili generalment jiehdu aktar tul ta' zmien mid-decizjonijiet fi proceduri kriminali;

5. hu zbaljat li jinghad li l-qrati ta' kompetenza kostituzzjonali jistghu jikkundannaw biss ghal danni morali izda mhux ukoll ghal *damnum emergens* u *lucrum cessans*.

**Ir-risposta tal-Avukat Generali ghall-appell**

**10.** Fir-risposta tieghu tat-8 ta' Novembru 2012, l-Avukat Generali wiegeb ghar-rikors tal-appell billi ssottometta li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma ghar-ragunijiet moghtija fir-risposta li sostanzjalment jistghu jigu sintesizzati kif gej:

1. ma hemmx ness bejn l-ispejjez li ghamel l-appellant biex jittransigi l-kawza civili u l-Istat peress li dawk l-ispejjez saru volontarjament mir-rikorrent sabiex jissana n-nuqqasijiet tieghu u huma *res inter alios acta* fir-rigward tal-Istat;

2. il-kaz kien wiehed kompless u ma hux minnu li l-apprezzament tal-ewwel Qorti strah fuq l-appell li r-rikorrent intavola fil-proceduri civili izda fuq ezami akkurat tal-fatti kollha tal-kaz liema apprezzament ma jistax jigi disturbat minn din il-Qorti hlief ghal ragunijiet impellenti;

3. imiss lill-Qrati ta' kompetenza civili li jillikwidaw danni fuq il-kriterji ta' *damnum emergens* u *lucrum cessans* u mhux lill-Qorti f'sede kostituzzjonali li ghandha biss il-kompitu li tikkumpensa lill-individwu ghal-lezjoni tad-dritt fundamentali tieghu.

**Fatti tal-kawza**

**11.** Il-proceduri tal-lum ghandhom l-origini taghhom f'citazzjoni prezentata fil-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Settembru 1994 kontra r-rikorrent appellant u l-awtur tieghu tali illegalment u abbuzivament illedew id-drittijiet tas-servitujiet li kellhom l-atturi f'dik il-kawza meta nehhew jew radmu parti mill-kanali tal-ilma u uzurpaw bil-kostruzzjoni ta' garaxx parti mill-passagg suggett ghad-drittijiet ta' servitu` tal-atturi. Il-konvenuti f'dik il-kawza, fosthom l-appellant odjern, ipprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom fid-29 ta' Novembru 1994 li bihom irritenew li s-servitujiet li kellhom l-atturi ma kienux gew imnaqqsa. Il-kawza giet appuntata ghas-smiegh bl-ewwel seduta ghal dan il-ghan fit-2 ta' Dicembru 1994. F'din l-ewwel seduta gie nominat il-Perit AIC Rene` Buttigieg bhala perit tekniku bis-setgha li jisma' x-xhieda u jaghtihom il-gurament skont il-ligi u l-kawza thalliet ghas-27 ta' Frar ghar-rapport

tieghu. Is-segwenti kien il-perkors ulterjuri tal-proceduri f'dik il-kawza sad-data li l-kawza giet differita ghas-sentenza:

**"27/2/1995** differita minnhabba indispozizzjoni tal-Imhallef 27/3/1995

**"27/3/1995** deher Dr Toni Abela; differita 9/6/1995 (fol 27)

**"(<u>5/5/1995</u>:** saret seduta quddiem il-perit li fiha xhedet Theresa Schembri**)**

**"9/6/1995** ma deher hadd differita 17/11/1995 (28)

**"(<u>16/6/1995:</u>** inzamm access mill-perit prezenti l-partijiet**)**

**"(<u>13/10/1995</u>:** it-tieni seduta quddiem il-perit li fiha xehed il-konvenut Bart. Camilleri**)**

**"7/11/1995** ma deher hadd differita 16/2/1996 (29)

**"(16/11/1995:** inzamm it-tieni access mill-perit prezenti l-partijiet**)**

**"(<u>22/11/1995</u>:** it-tielet seduta quddiem il-perit li fiha xehed l-attur Frans Schembri**)**

**"(<u>30/1/1996</u>**: ir-raba' seduta quddiem il-perit li fiha xhedu l-atturi Maryanne Vella u Frans Schembri**)**

**"(<u>16/2/1996</u>:** il-hames seduta quddiem il-perit li fiha xhed il-perit Lawrence Gatt, prodott mill-atturi li esibixxa pjanta, u l-perit Joseph Agius Bonello**)**

**"16/2/1996** b'ordni tal-qorti differita ghal quddiem Imhallef Noel Arrigo 19/6/1996

**"(<u>16/4/1996</u>:** is-sitt seduta quddiem il-perit li fiha xehed John Micallef ghall-Kummissarju tal-Artijiet, prodott mill-atturi, u pprezenta pjanta**)**

**“(<u>8/5/1996</u>:** is-seba’ seduta quddiem il-perit li fiha ma ngabux provi**)**

**“19/6/1996** deher AIC Buttigieg u Dr Edwina Chetcuti: seduti mexjin; differita 27/11/1996

**“(8/7/1996:** it-tmien seduta quddiem il-perit li fiha ma ngabux provi**)**

**“(18/10/1996:** id-disgha seduta quddiem il-perit ma ngabux provi izda l-atturi ddikjaraw li ma kellhomx aktar provi**)**

**“27/11/1996** dehret Dr Edwina Chetcuti: provi qed jingabru regolarment differita 23/4/1907

“(**29/11/1996:** l-ghaxar seduta quddiem il-perit li fiha xehed il-konvenut Joseph Camilleri li esibixxa ritratt**)**

**“(12/12/1996:** il-hdax-il seduta quddiem il-perit li fiha kompla jixhed Joseph Camilleri u xehed ukoll il-konvenut l-iehor Bart. Camilleri**)**

**“(26/2/1997:** it-tnax-il seduta quddiem il-perit li fiha kompla jixhed Joseph Camilleri li esibixxa numru ta’ dokumenti u fiha l-konvenuti ddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi**)**

**“23/4/1997** dehret Dr Ed. Chetcuti u Perit Buttigieg: provi ngabru u kawza differita: ghar-rapport 11/7/1997

**“11/7/1997** ma deher hadd differita 20/1/1998 ghar-rapport

“**(21/10/1997** ntaxxat dritt perit u notifikati attur u konvenut bit-dritt]

**“(20/9/1997:** nzamm it-tielet access mill-perit wahdu**)**
**“20/1/1998** dehret Dr Ed. Chetcuti ghall-konvenut differita rapport 6/3/1998

“**6/3/1998** dehret Dr. Ed Chetcuti ghall-konv: rapportipprezentat izda mhux mahluf

“**27/3/1998** dehret Dr Ed Chetcuti: differita 25/5/1998 biex jinhalef rapport

“**25/5/1998** dehret Dr Ed Chetcuti: differita 1/7/1998 biex jinhalef rapport

“**1/7/1998** dehret Dr Ed Chetcuti ghall-konv; posposta Perit Rene Buttigieg ma deherx; differita 15/9/1998 biex jinhalef rapport

“**15/9/1998** dehret Dr Ed Chetcuti; differita 5/10/1998 biex jinhalef rapport

“**5/10/1998** deher Dr Toni Abela: posposta: Perit Buttigieg; halef rapport [47-116: piuttost komplikat] differita 12/2/1999 ezami rapport

“**12/2/1999** in vista distribuzzjoni tax-xoghol differita DS 22/3/1999 quddiem Imhallef Arrigo

“**22/3/1999** deheru Dr Toni Abela u Dr Ed Chetcuti u l-atturi differita 17/5/1999 <u>finali tratt</u>

“**(21/4/1999** konvenut jesebixxi fir-registru kuntratt 7/4/1999 li jghid li bih akkwista l-art kollha vicin garage mibni minnhom biex b’hekk huma jistghu jaghtu d-dritt ta’ passagg lill-attura – fol 119]

**17/5/1999** trattazzjoni mill-partijiet <u>ma saritx</u>: deher konvenut assistit minn Dr Ed Chetcuti; l-atturi u d-difensuri ma dehrux minkejja li kawza bil-hin 10.30 am u kienu saru 11.10 am [Noel Arrigo]; differita 26/10/1999 ghall-finali trattazzjoni b’dan li l-atturi ghandhom jidderigu ahjar wara prezentata kuntratt supra

“**26/10/1999**: dehret attrici assistita Dr T Abela u l-konvenut assistit Dr Ed Chetcuti; kawza trattata; **differita ghas-sentenza 24/3/2000 (fol 125)”**

**12.** Wara l-ewwel differiment ghas-sentenza kien hemm seba' differimenti tal-kawza ghas-sentenza fuq firxa ta' tliet snin u tliet xhur sakemm il-kawza giet deciza fl-ewwel istanza b'sentenza kontra l-konvenuti tas-16 ta' Gunju 2003.

**13.** Wara s-sentenza tal-prim' istanza r-rikorrent Joseph Camilleri appella quddiem il-Qorti tal-Appell b'rikors tal-4 ta' Lulju 2003 u li ghalih l-appellati wiegbu b'risposta tal-21 ta' Lulju 2003. Fl-14 ta' Novembru 2003 l-appellati informaw lill-Qorti li huma kienu gew a konjizzjoni tal-fatt li fil-mori tal-appell wiehed mill-appellanti, u cioe` Bartholomeo sive Bertu Camilleri, kien miet. Fis-17 ta' Novembru 2003 il-Qorti tal-Appell ordnat in-notifika tal-istess nota lill-appellant li b'rikors tal-4 ta' Mejju 2005 talab it-trasfuzjoni tal-gudizzju fuq isem Joseph Camilleri bhala l-eredi ta' Bartholomeo Camilleri. Fit-12 ta' Mejju 2005 l-Qorti laqghet it-talba ghat-trasfuzjoni. Fl-20 ta' Jannar 2006 l-appell gie appuntat ghas-smiegh fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2006 izda f'dik id-data rrizulta li l-partijiet kienu ghadhom mhux notifikati u konsegwentement il-Qorti ddiferiet l-appell *sine die* b'komunika lill-konsulenti legali tal-appellant Joseph Camilleri. Fis-27 ta' April 2006 l-appellant Joseph Camilleri wara li ddepozita l-ammont indikat lilu in kawtela tal-ispejjez tal-appell permezz tal-konsulenti legali tieghu talab ir-riappuntament tal-appell sabiex jigi trattat u deciz skont il-ligi. Fit-3 ta' Mejju 2006 il-Qorti laqghet it-talba u irriappuntat l-appell ghas-smiegh fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2006 f'liema data deheru l-partijiet assistiti mill-avukati taghhom li ttrattaw l-appell li ghalhekk gie differit ghas-sentenza fit-3 ta' Novembru 2006. L-appell rega gie differit sitt darbiet ghas-sentenza sakemm l-appell gie wkoll deciz finalment fit-30 ta' Novembru 2007.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

**14.** Fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant jilmenta li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta rrendiet id-dritt ghal smiegh xieraq dipendenti fuq jekk tintrebahx il-kawza jew le. Dan l-aggravju jaghti x'jifhem li l-unika kunsiderazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti sabiex cahdet it-talbiet tieghu

kienet li r-rikorrent kien tilef il-kawza civili. Dan ma hux minnu u jikkostitwixxi karikatura tar-ragjonament tal-ewwel Qorti. Di fatti l-ewwel Qorti wara li korrettement elenkat diversi kriterji li wiehed ghandu juza meta jigi biex jevalwa jekk il-proceduri gudizzjarji jkunux hadu zmien ragjonevoli jew le u cioe` “b’mod partikolari l-komplessita` tal-kaz li kien qed jigi deciz, kif gab ruhu r-rikorrenti fil-kors tal-proceduri li huwa qed jilmenta minnhom, kif imxew il-Qrati fil-kors tal-istess process u x’kellu x’jitlef ir-rikorrenti bhala konsegwenza tal-istess proceduri, oltre, ovvjament, kemm effettivament dam biex jigi deciz b’mod finali l-kaz”, il-Qorti ghaddiet biex taghmel l-apprezzament taghha.

**15.** L-ewwel kunsiderazzjoni li ghamlet l-ewwel Qorti kienet li kien l-agir abbuziv tar-rikorrenti u tal-awtur tieghu li pprecepitaw il-proceduri inkwistjoni meta r-rikorrenti kien konsapevoli li kien ser jagixxi a skapitu tad-drittijiet ta’ haddiehor. Din il-kunsiderazzjoni ma hix dik kif pingiha l-appellant u cioe` ma hix ghaliex l-appellant rebah jew tilef il-kawza izda l-ewwel Qorti kkonstatat li l-kawza kienet skattat mill-agir allegatament, u eventwalment gudizzjarjament konfermat, abbuziv tal-appellant. U ma jistax jinghad li din il-kunsiderazzjoni fil-kuntest ta’ kunsiderazzjonijiet ohrajn, ma hix wahda relevanti ghall-ezercizzju li riedet taghmel l-ewwel Qorti li, izda, ma waqfitx hemm. Di fatti l-ewwel Qorti ssoktat tirrileva wkoll li fil-fehema taghha ma setax jinghad li l-proceduri inkwistjoni ma kienux komplikati u affermat li ma kienux semplici tant li kellu jigi nominat perit tekniku biex jghin lill-Qorti tistabbilixxi d-drittijiet tal-partijiet fil-kawza. Irrilevat ukoll li r-rikorrent u l-awtur tieghu fil-kors tal-proceduri ma urewx xi hegga partikolari sabiex jassiguraw li l-proceduri ma jitwalux aktar minn necessarju, l-appellant appella mis-sentenza civili meta messu kien jaf li l-agir tieghu kien leziv tad-drittijiet ta’ terzi, l-awtoritajiet kompetenti fil-fehema tal-ewwel Qorti ma kkontribwewx ghad-dewmien, l-interess tar-rikorrent appellant kien li jibqa’ joqghod fil-binja, ma kienx minnu li inkwantu konvenut l-appellant odjern ma kellux l-andament tal-kawza f’idejh ghaliex kellu a dispozizzjoni tieghu mezzi legali biex ihaffef il-proceduri, u ragunijiet ohrajn.

**16.** Ghalhekk dan l-aggravju tal-appellant li "l-lezjoni tad-drittijiet jew le giet bazata jekk wiehed rebahx l-kawza jew le" ma jirrizultax fondat u qieghed jigi respint.

**17.** B'danakollu din il-Qorti thoss li, sabiex jigi evitat kull malintiz dwar il-hsieb taghha fuq din il-kwistjoni in vista tal-fatt li qieghdha tichad dan l-aggravju fuq l-iskorta tar-rizultanzi processwali specifici f'dan il-kaz, qabel tghaddi biex tikkunsidra l-aggravji l-ohra tal-appellant Joseph Camilleri ghandha taghmilha cara li l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma jharisx biss lill-attur f'kawza izda jhares ukoll lill-konvenut. Dan ghaliex jekk l-attur ghandu d-dritt li ma jibqax ghal zmien irragjonevolment twil jistenna sabiex jigu determinati d-drittijiet tieghu daqstant il-konvenut huwa intitolat li ma jibqax ghal zmien irragjonevolment twil f'incertezza dwar l-ezistenza u l-estenzjoni tal-obbligi tieghu. Di fatti d-drittijiet jew obbligi civili msemmija fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jistghu jkunu kemm tal-attur kif ukoll tal-konvenut fil-kawza u ma hemm xejn fl-istess artikolu li jista' jifthiem li qieghed jitkellem biss mid-drittijiet jew obbligi tal-attur fil-kawza.

**18.** Il-kumplament tal-aggravji tal-appellant, salv l-ahhar aggravju tieghu dwar id-danni, jistghu jitqiesu bhala assorbiti fit-tieni aggravju u cioe` li ma kienux jezistu ragunijiet sufficjenti sabiex jiggustifikaw id-dewmien li kien hemm fil-proceduri civili u ghalhekk hekk ser tittratthom din il-Qorti f'din is-sentenza.

**19.** Il-proceduri civili mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni sad-data tas-sentenza finali tal-Qorti tal-Appell hadu b'kollox ftit aktar minn tlettax-il sena u hames xhur. *Ictu oculi* u izolat minn kull cirkostanza ohra jidher li dan il-perjodu ta' zmien hu wiehed konsiderevoli u difficilment gustifikabbli bhala ragjonevoli u ghalhekk spetta lill-awtoritajiet li juru li kien hemm ragunijiet sufficjenti li jirrendu dak il-perjodu wiehed ragjonevli fic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**20.** Matul il-proceduri civili nstemghu mill-perit tekniku tmien (8) xhieda, li certament ma hux xi numru kbir ta' xhieda, ghalkemm uhud minnhom nstemghu aktar minn

darba. Id-depozizzjonijiet kienu generalment qosra hlief tal-konvenuti li kienu pjuttost itwal. Apparti d-dokumenti li gew esebiti mac-citazzjoni gew ukoll esebiti fil-kors tas-smiegh tax-xhieda numru ta' dokumenti li kollha kienu jirrikjedu mhux biss ezami akkurat taghhom mill-perit izda wkoll tliet accessi fuq il-post tnejn fil-prezenza tal-partijiet u l-ahhar wiehed mill-perit wahdu fil-kors li kien qieghed jirredigi r-rapport tieghu. Id-diversi accertamenti li kellhom isiru, tal-anqas mil-lat tekniku, b'analisi ta' kuntratti u pjanti, jidhru li ma kienu xejn facli u r-rapport eventwalment redatt mill-perit tekniku kien wiehed dettaljat u li kellu jindirizza diversi fatturi u kwistjonijiet. Din il-fazi tal-process sakemm gie redatt ir-rapport peritali hadet ftit aktar minn erba' snin. Tenut kont tal-fatt li matul dan il-perjodu s-seduti u l-accessi kien mehtieg li jigu konkordati mal-partijiet kollha u mal-avukati taghhom u s-smiegh tal-provi u l-accessi fuq il-post kienu qed isiru, kif iddikjarat l-avukat difensur tal-appellant f'dawk il-proceduri, b'mod regolari, il-Qorti hi tal-fehema li sad-data tal-prezentata tar-rapport, li jidher li sas-6 ta' Marzu 1998[2] kien gia` pprezentat, il-process kien ha zmien li kollox ma' kollox ma jistax jitqies li ma kienx ragjonevoli.

**21.** Wara li gie prezentat ir-rapport tieghu kien jonqos li l-perit jahilfu u dan sehh biss fil-5 ta' Ottubru 1998 u cioe` seba' xhur wara l-prezentata tar-rapport. Fil-frattemp kienu saru erba' seduti li ghalihom ma attendiex il-perit biex jahlef ir-rapport. Ma tirrizulta ebda spjegazzjoni ghal dan in-nuqqas u anqas jirrizulta xi provvediment mill-Qorti jew xi mizura ohra minn xi hadd sabiex il-perit jitwassal biex jahlef ir-rapport b'mod li pass facli bhal dan ha seba' xhur sakemm avvera ruhu. Dan certament ma kienx ragjonevoli.

**22.** Wara li nhalef ir-rapport kien jehtieg li r-rapport jigi ezaminat mill-partijiet u ssir it-trattazzjoni finali tal-kawza. Din il-fazi wkoll ma kinitx tinvolvi xi komplikazzjonijiet partikolari bhall-eskussjoni tal-perit jew talba ghal periti perizjuri u ghalhekk ma kellhiex tiehu zmien twil biex tigi maghluqa. Fil-fatt, izda, mid-data li gie mahluf ir-rapport

---

[2] Ara verbal fl-atti tal-proceduri civili quddiem il-Prim' Awla a fol. 41 tal-process

sad-data tat-trattazzjoni finali u differiment tal-kawza ghas-sentenza l-process ha zmien ta’ ftit aktar minn sena bl-ahhar differiment ghat-trattazzjoni jkun ghal hames xhur shah. Dan id-dewmien sakemm saret it-trattazzjoni finali ma jistax jitqies bhala wiehed ragjonevoli.

**23.** Wara t-trattazzjoni finali fis-26 ta’ Ottubru 1999 il-kawza thalliet ghas-sentenza ghall-24 ta’ Marzu 2000 izda l-kawza giet differita seba’ darbiet ohra ghas-sentenza sakemm fl-ahhar is-sentenza nghatat fil-prim’ istanza fis-16 ta’ Gunju 2003, u cioe` kwazi tliet snin u tmien xhur wara. Ghalkemm il-materja, kif inghad, ma kinitx wahda semplici u anzi kienet ta’ certu komplessita` kif anki evidenzjat mill-konsiderazzjonijiet dettaljati li kellha taghmel il-Qorti kemm fuq punti ta’ fatt kif ukoll fuq punti ta’ dritt, din il-Qorti hi tal-fhema li l-perjodu ta’ tliet snin u tmien xhur sakemm inghatat is-sentenza tal-Qorti ma kienx dewmien li jista’ jitqiesx wiehed ragjonevoli fic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**24.** Fl-4 ta’ Lulju 2003 l-appellant Joseph Camilleri u Bartholomeo Camilleri appellaw mis-sentenza fil-proceduri civili. Il-Qorti tal-Appell fl-14 ta’ Novembru 2003 giet informata li kien miet wiehed mill-appellanti. L-appellant sopravvissut u cioe` l-appellant odjern Joseph Camilleri, talab it-trasfuzjoni tal-atti biss fl-4 ta’ Mejju 2005. Dan id-dewmien huwa ghalhekk attribwibbli ghall-ghemil tal-appellant li ttardja biex jitlob it-trasfuzjoni tal-atti u jipproduci d-dokumenti necessarja.

**25.** Wara t-trasfuzjoni tal-atti l-appell gie appuntat ghat-trattazzjoni fis-6 ta’ Marzu 2006 f’liema data t-trattazzjoni ma saritx ghaliex hadd mill-partijiet ma deher ghaliex hadd minnhom ma gie notifikat bl-avviz ghas-smiegh. Fic-cirkostanzi l-Qorti tal-Appell ddiferiet l-appell *sine die* gie riappuntat ghas-26 ta’ Gunju 2006 wara talba ghal daqshekk mill-appellant Joseph Camilleri. Dan id-dewmien ukoll hu attribwibbli ghall-appellant Joseph Camilleri.

**26.** Fis-26 ta’ Gunju 2006 saret it-trattazzjoni tal-appell u l-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghat-3 ta’ Novembru 2006 izda minn dik id-data l-appell

gie differit hames darbiet ohra sakemm eventwalment is-sentenza finali tal-Qorti tal-Appell inghatat fl-20 ta' Novembru 2007, u cioe` sena u hames xhur wara li l-appell kien gie differit ghall-ewwel darba ghas-sentenza. Fic-cirkostanzi tal-kaz, tenut kont tal-fatt li, kif gia` rilevat, il-materja mertu tal-kaz ma kinitx wahda semplici izda kienet ta' certu komplessita` li tinvolvi diversi punti ta' ligi u ta' dritt u tenut kont ukoll tal-fatt li l-appell civili ta' Joseph Camilleri kien jissolleva diversi kwistjonijiet ta' dritt u ta' fatt u kien akkumpanjat anki b'dokumenti godda li ma kienux gew esebiti fl-ewwel istanza, il-Qorti jidhrilha li mehud kollox in kunsiderazzjoni zmien li ha l-appell sakemm gie deciz mill-Qorti tal-Appell ma kienx wiehed irragjonevolment twil.

**27.** Ghar-ragunijiet kollha msemmija, in vista tad-dewmien komplessiv ta' cirka hames (5) snin u tliet (3) xhur fi stadji diversi tal-proceduri fl-ewwel istanza kif gie stabbilit minn din il-Qorti aktar kmieni f'din is-sentenza kkunsidrat ukoll fil-kuntest ta' proceduri civili li fit-totalita` taghhom hadu aktar minn tlettax-il sena u hames xhur sakemm gew finalment determinati din il-Qorti hi tal-fehma li l-process civili inkwistjoni ma giex determinat b'mod finali fi zmien ragjonevoli u l-aggravji tal-appellant f'dan ir-rigward qeghdin jigu milqugha u li ghalhekk qieghed jigi dikjarat li kien hemm lezjoni tad-dritt tar-rikorrent Joseph Camilleri sancit bl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni.

**28.** Din il-Qorti trid ghalhekk taghti rimedju lill-appellant. Dan hu li tesigi l-ligi. Jkunx dan ir-rimedju f'kundanna ghal hlas ta' danni, ghal hlas ta' *damnum emergens* jew ghal hlas ta' *lucrum cessans*, jew ikunx ghat-tnejn f'daqqa jew ghal kollox jew in parti, jew addirittura, jkunx rimedju xort'ohra konsistenti f'dikjarazzjoni tal-vjolazzjoni wahedha jew akkompanjata minn ordnijiet ohra, hu mholli ghal kollox fid-diskrezzjoni tal-Qorti[3] purche` li r-rimedju li jinghata jkun konformi mal-ordinament guridiku taghna[4]. Dan ir-rimedju ghandu jkun wiehed x'aktarx

---

[3] Ara *inter alia* Q Kost, **John Bugeja v. Avukat Generali**, 11 Awwissu 2003 #28
[4] Q Kost, **Michael Xerri et. v. Av. Michelle Tabone noe**.,

kumpensatorju[5] kif kwazi invarjabilment kien f'kawzi bhal dik tal-lum. Jibqa' l-fatt, izda, li l-kompetenza kostituzzjonali u l-kompetenza civili ghandhom jibqghu separati u distinti anke ghaliex ir-rikors taht kull kompetenza hu regolat bi proceduri appositi b'finalita` ta' rimedju mhux dejjem identiku[6]. Hekk il-kumpens li jinghata fil-proceduri kostituzzjonali jrid ikollu ness ta' kawza u effett bejn il-hsara allegatament sofferta u l-lezjoni kostituzzjonali jew konvenzjonali li tigi riskontrata mill-Qorti.

**29.** Fil-kaz odjern tali ness bejn il-lezjoni tad-dritt fundamentali riskontrata u d-danni reklamati mill-appellant konsistenti fl-ispejjez ta' zewg kuntratti sabiex jakkwista xi bicciet art ghall-fini li jkun jista' jittransigi l-kawza civili ma giex ippruvat. Di fatti l-ispejjez inkorsi mir-rikorrent f'dan ir-rigward kienu ghal kollox minnu inkorsi volontarjament ma jirrizultax li b'xi mod kienu dettati mid-dewmien fil-process; anzi jidher li d-dewmien fil-proceduri jirrizulta li fl-ahhar analizi agevola lill-appellant li seta' jgawdi mill-agir eventwalment gudizzjarjament determinat illecitu tieghu ghall-perkors kollu tal-proceduri u pprovdih biz-zmien necessarju sabiex ikun jista' jfittex alternattivi biex ikun jista' jibqa' jokkupa l-artijiet inkwistjoni ghal zmien indeterminat. Jekk kien id-dewmien li induca lill-appellant jirrikorri ghall-mizura radikali li ha li jakkwista l-artijiet inkwistjoni din il-Qorti ma tifhimx ghaliex minnflok tal-anqas ma ghamilx uzu mill-mezzi l-aktar ordinarji sabiex jobbliga lill-parti avversarja u jissollecita lill-Qrati ordinarji sabiex ikunu aktar solerti fit-tmexxija tal-proceduri. Ghall-kuntrarju l-appellant baqa' inert tul il-proceduri minghajr ma ha ebda pass f'din id-direzzjoni.

**30.** Ghalkemm kif inghad, izda, l-appellant ma wera ebda hegga partikolari biex jassigura li l-proceduri jiehdu l-kors taghhom b'aktar speditezza milli hadu, jibqa' l-fatt li din il-Qorti stabbiliet li kien hemm lezjoni tad-dritt tieghu sancit bl-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni u peress li xi grad

[5] Q Kost, **Colin John Trundell v. Onor. Ministru tal-Affarijiet Barranin et**., 22 April 1991;
[6] Q Kost, **Emanuel Ciantar v. Kummissarju tal-Pulizija**, 2 Novembru 2001; Q Kost, **Anthony Mifsud v. Supt. Carmelo Bonello et**., 18 Settembru 2009 #49

ta' ansjeta` u frustrazzjoni l-appellant hu mistenni li sofra minhabba d-dewmien fil-proceduri din il-Qorti hi tal-fehema li d-dikjarazzjoni tal-lezjoni sofferta ma tkunx tikkostitwixxi rimedju sufficjenti fic-cirkostanzi tal-kaz. Ghalhekk, wara li din il-Qorti hadet in kunsiderazzjoni t-tul komplessiv taz-zmien li hadu l-proceduri, id-dewmien li kienu kagun tieghu l-awtoritajiet, in-natura tad-drittijiet u obbligi li kienu inkawza ghall-appellant, l-kontributorjeta` tal-istess ghat-tul tal-proceduri u wara li hadet in kunsiderazzjoni l-ammonti likwidati f'diversi kawzi simili[7] u c-cirkostanzi partikolari f'dawk il-kawzi l-Qorti hi tal-fehema li l-appellant haqqu kumpens ghad-dannu mhux pekunjarju li sofra minhabba d-dewmien fl-ammont ta' seba' mitt Ewro (€700).

**Decide**

Ghall-motivi premessi, il-Qorti tilqa' l-appell tal-appellant Joseph Camilleri billi thassar is-sentenza appellata u minflok tilqa' t-talbiet tar-rikorrent appellant billi tiddikjara li fil-konfront tieghu u tal-awtur tieghu kien hemm ksur tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem peress li ma kienx hemm decizjoni finali fi zmien ragjonevoli u tikkundanna lill-intimat appellat Avukat Generali jhallas lill-istess appellant Joseph Camilleri s-somma ta' seba' mitt Ewro (€700) in linea ta' danni mhux pekunjarji bl-imghax skont il-ligi mid-data ta' din is-sentenza sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jkunu a karigu tal-intimat appellat Avukat Generali waqt li dawk ta' din l-istanza ghandhom ikunu kwantu ghal erbgha minn hamsa ($^4/_5$) a karigu tal-appellant u kwantu ghal wiehed minn hamsa ($^1/_5$) a karigu tal-intimat appellat Avukat Generali.

**< Sentenza Finali >**

[7] Ara Q Kost, **Major Peter Manduca v. Onor. Prim Ministru**, 23 Jannar 1995; Q Kos **Francis Said et v. Avukat Generali**, 3 Frar 2009; Q Kos, **Francis Said v. Avukat Generali**, 12 Frar 2010; Ara wkoll **ECHR Case of Debono v. Malta**, 7 Frar 2006; **ECHR Case of Zarb v. Malta**, 4 Lulju 2006.

---------------------------------TMIEM---------------------------------